20 ta' Frar 2018
25/2018

**IT-TFITTXIJA GĦALL-ĠUSTIZZJA SOĊJALI FIS-SOĊJETÀ TAGĦNA: PASS ESSENZJALI FIL-MIXJA LEJN IL-PAĊI**

DOKUMENT MAĦRUĠ MILL-KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI U L-KUMMISSJONI EMIGRANTI FIL-JUM DINJI GĦALL-ĠUSTIZZJA SOĊJALI 2018

Fl-2007, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda għażlet l-20 ta' Frar bħala l-Jum Dinji għall-Ġustizzja Soċjali. F'dan il-jum aħna mistiedna niftakru li mhux kollox hu sew fid-dinja.  Li l-ġid tad-dinja, fil-fatt mhux imqassam b'mod ġust u li wħud għandhom aktar milli jeħtiegu, filwaqt li oħrajn huma mwarrba u esklużi, jgħixu fil-faqar u l-inċertezza, u ma jistgħux ilaħħqu mal-ħajja.

## 1. Ir-realtà tal-faqar fostna

Naturalment m'għandniex bżonn min ifakkarna dwar din ir-realtà. Anke f'pajjiżna, li bħalissa qed igawdi minn żmien ta' tkabbir ekonomiku bla preċedent, jidher biċ-ċar li l-faqar hu realtà u li hemm wħud fostna li qegħdin jitħabtu biex jgħixu. Minkejja l-ġid relattiv tagħna, numru dejjem akbar ta' nies qed jiġu mċaħħda mis-servizzi bażiċi, u mhux isibu l-appoġġ meħtieġ.

Minkejja dan, huwa xorta possibbli nibqgħu għaddejjin b'ħajjitna bla ma nindunaw bir-realtà ta' ħaddieħor, sakemm storja ta' ħajja fil-miżerja jew mewt traġika tispiċċa fl-aħbarijiet u tiġbdilna l-attenzjoni għar-realtà tal-faqar u l-inġustizzja, imqar għal ftit mumenti.

Dawn il-każijiet sfortunatament mhumiex uniċi. Ifakkruna li mhux kulħadd qed igawdi ndaqs mill-ġid li qed jinħoloq u li, f'dan iż-żmien ta' prosperità ekonomika, hemm ħafna li qegħdin jgħixu ħajja bla dinjità u stabbiltà.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

### 2. Il-bżonn ta' azzjoni konkreta biex jinqered il-faqar: it-tqegħid tan-nies fiċ-ċentru

Faċli nikkonvinċu lilna nfusna li l-faqar hu problema ta' ħaddieħor, jew li t-tort hu kompletament tal-foqra, b'hekk nassolvu lilna nfusna minn kwalunkwe responsabbiltà għall-qagħda mwiegħra tagħhom. Bl-istess mod faċli nikkonvinċu lilna nfusna li dil-problema hi kbira wisq għalina biex nindirizzawha u li realistikament m'aħniex mistennija nagħmlu xi ħaġa dwarha, ħlief għal ġesti żgħar ta' sapport bħal xi donazzjoni ta' ħwejjeġ użati jew flus lil xi għaqda ta' karità.

Iżda f'dan il-jum għall-Ġustizzja Soċjali – b'talba għal azzjoni konkreta biex jinqered il-faqar fil-forom kollha tiegħu u bi promozzjoni tal-ugwaljanza, l-inklużjoni u s-sigurtà umana – il-komunità internazzjonali qed tiddikjara li hu possibbli li tindirizza x'jikkawża l-faqar u tikseb benessri u ġustizzja soċjali għal kulħadd. Qed tiddikjara li, fi kliem il-Papa Franġisku: "Il-miżerja mhix fatalità: għandha l-kawżi tagħha li jeħtieġ nagħrfuhom u neliminawhom, biex nonoraw id-dinjità ta' tant ħutna, fuq l-eżempju tal-qaddisin."[1]

Il-Papa Franġisku jissuġġerixxi li l-ħafna forom ta' esklużjoni u inġustizzja li għandna mferrxin fid-dinja huma marbuta flimkien b' "ħajta li ma tidhirx li tgħaqqad dawn l-esklużjonijiet kollha ... dawn mhumiex problemi iżolati ... dawn ir-realtajiet qerrieda (huma) parti minn sistema li għandha firxa dinjija ... din is-sistema imponiet il-loġika tal-profitt akkost ta' kollox, mingħajr ma taħseb fl-esklużjoni soċjali jew fil-qerda tan-natura."[2]

### 3. Ġustizzja Soċjali titlob bidla għal approċċ iffukat fuq il-bniedem

Biex niġġieldu din il-mentalità ta' "loġika tal-profitt akkost ta' kollox", skont il-Papa Franġisku, jeħtieġ li nibdew "billi ngħarfu li għandna bżonn ta' bidla"[3], u din il-bidla trid tibda sseħħ bl-azzjoni ta' kull wieħed u waħda minna. Il-bidla hi meħtieġa għax hemm xi ħaġa ħażina f'dinja li hi mifluġa b'kunflitti, fejn id-drittijiet tal-bniedem huma mgħakksa u l-ambjent qed jiġi mhedded kontinwament.

Biex il-ġustizzja soċjali tkun tista' ssaltan, "il-ġid tad-dinja jrid jitqassam b'mod ġust. U d-differenzi inġusti bejn individwi għandhom jiġu bbilanċjati. Barra minn hekk, id-dinjità tal-bniedem għandha tigi rispettata. Speċjalmemt fi kwistjonijiet ekonomiċi, il-bniedem m'għandux jiġi ridott għall-utilità u l-propjetà tiegħu."[4]

---

[1] Papa Franġisku, Anġelus, 15.10.2017
[2] Papa Franġisku, Bolivja, 09.07.2015
[3] Papa Franġisku, ibid.
[4] *Docat: Catholic Social Teaching for Youth*, Ignatius Press, San Francisco, 2016, pġ. 106

It-tagħlim tal-Knisja jsejħilna biex "nirritornaw għaċ-ċentralità tal-bniedem, għal viżjoni aktar etika tal-attivitajiet u r-relazzjonijiet umani."[5] Tixprunana biex naħdmu għal dinja fejn kull persuna hi stmata u ħadd mhu kkunsidrat 'għar-rimi'.

"Dan jiġri meta l-'alla tal-flus' u mhux il-bniedem, ikun fiċ-ċentru tas-sistemi soċjali u ekonomiċi. Iva, fiċ-ċentru tas-sistemi soċjali u ekonomiċi għandu jkun hemm il-bniedem, xbieha ta' Alla, maħluq biex jaħkem fuq l-Univers. Meta l-post tal-persuna jittieħed mill-'alla tal-flus', il-valuri jinqalbu ta' taħt fuq."[6]

Dawn il-valuri jikkuntrastaw b'mod qawwi mal-filosofija li tmexxi d-dinja li qed ngħixu fiha, u l-forza li donnha qed ddawwal lis-soċjetà Maltija, soċjetà li qed tuża dejjem iktar il-qligħ ekonomiku biex tkejjel is-suċċess tagħha, u li tistinka bla waqfien biex tiġġenera l-ġid akkost ta' kollox. Forsi minħabba f'hekk, is-soċjetà tagħna tiffavorixxi bla mistħija lis-sinjur, minħabba l-benefiċċji reali jew perċepiti, li l-ġid tagħhom iġib lill-ekonomija tagħna.

## 4. Approċċ iċċentrat madwar il-bniedem fil-migrazzjoni

It-tema magħżula għall-Jum Dinji tal-Ġustizzja Soċjali 2018 min-Nazzjonijiet Magħquda, hu "Ħaddiema fi vjaġġ: it-Tfittxija għall-Ġustizzja Soċjali". Mistednin nirriflettu dwar il-kawżiet ta' migrazzjoni u r-realtà tal-immigranti fostna, kwistjoni ta' ġustizzja soċjali li tirrelata ma' dawk l-iktar dgħajfa fis-soċjetà tagħna. F'din il-ġurnata, ejja nieqfu nirriflettu ftit fuq kemm il-liġijiet u l-politki tagħna huma ġusti u kemm jiffokaw fuq in-nies fit-trattament tal-immigranti, jew jekk humiex immexxija mit-talbiet tal-'alla tal-flus' li jħares lejn in-nies skont il-bżonn li għandu tagħhom.

Dan hu partikolarment relevanti bħalissa, mhux biss għax il-popolazzjoni ta' ħaddiema immigranti f'Malta qed tiżdied b'rata mgħaġġla, imma wkoll fid-dawl tad-dokument tal-istrateġija tal-Gvern li tnieda reċentament dwar l-integrazzjoni tal-immigranti, inkluż refuġjati u benefiċċjarji oħra ta' protezzjoni. Hi t-tama tagħna li din ir-riflessjoni tikkontribwixxi għad-diskussjoni li hemm għaddejja dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' integrazzjoni, u se twassal għal trattament iktar ġust ta' immigranti u refuġjati li qed jgħixu fostna.

Li ġej hu deskrizzjoni qasira ta' erba' oqsma li l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi u l-Kummissjoni Emigranti jemmnu li għandhom jiġu indirizzati biex jiġu assigurati l-liġijiet u l-politki dwar il-migrazzjoni – interpretat bl-aktar sens miftuħ biex jinkludi migrazzjoni u ażil, mhux biss migrazzjoni tax-xogħol – verament jippromwovu d-dinjità u l-benessri tal-immigranti li qegħdin jgħixu u jaħdmu fostna.

---

5 Papa Franġisku, Diskors lil Centesimus Annus Pro-Pontefice, 25.05.2013
6 Papa Franġisku, Diskors lill-Movimenti Popolari, 28.10.2018

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Dan id-dokument hu intenzjonat biex jenfasizza wħud mill-kwistjonijiet li jeħtieġ jiġu indirizzati; l-għażla tal-kwistjonijiet kienet mgħarrfa mill-kuntest lokali u mid-dikjarazzjonijiet tal-Papa Franġisku dwar il-migrazzjoni.

### 4.1 Liġijiet u politki dwar l-impjieg u l-protezzjoni ta' ħaddiema immigranti

F'dan iż-żmien ta' tkabbir ekonomiku stabbli hawn domanda akbar għax-xogħol fil-livelli kollha, inkluż dak b'ħiliet baxxi. Min-naħa tiegħu l-Gvern qed jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-importazzjoni tax-xogħol barrani biex jimla lakuni fis-suq tax-xogħol, partikolarment f'ċerti setturi, bħal kura fid-dar, ospitalità u kostruzzjoni.

Bħal fil-bqija tad-dinja, il-biċċa l-kbira tal-migrazzjoni tax-xogħol lejn Malta hi mmexxija mill-faqar u n-nuqqas ta' opportunitajiet fil-pajjiż tal-oriġini. L-opportunitajiet tax-xogħol fl-Ewropa huma ferm apprezzati; ħafna nies iħallsu somom kbar ta' flus, u jidħlu f'piżijiet kbar ta' dejn, biex jiksbu mqar post wieħed. Dawn id-djun iridu jitħallsu lura mid-dħul tax-xogħol tagħhom hawn, inkella huma u l-familji tagħhom jispiċċaw agħar milli kienu qabel.

Ma nistgħux niċħdu li wħud min dawk li jħaddmu, għalkemm bl-ebda mod ma qed ngħidu għas-sidien kollha, ftit li xejn jikkunsidraw il-liġi, u fil-prattika jagħtu preferenza ċara lil xogħol irħis u li faċilment jittieħed minn ħaddieħor għax jippermettilhom li jimmassimizzaw il-qligħ tagħhom. Għalkemm il-ħaddiema kollha, inkluż dawk Maltin, huma vulnerabbli għall-abbuż f'idejn dawk li jħaddmuhom bla skrupli, hu ferm aċċettat li l-ħaddiema immigranti jinsabu fl-akbar riskju li jiġrilhom hekk.

Dan hu dovut għal numru ta' fatturi, mhux l-inqas il-fatt li l-ħaddiema barranin għandhom it-tendenza li jkunu iżolati aktar, b'mod partikolari jekk ma jitkellmux il-lingwa tal-pajjiż li qed jaħdmu fih.  U anke jekk jafu l-lingwa, ħafna drabi xorta mhumiex familjari mal-liġi, allura jista' jkunu li lanqas biss jafu li d-drittijiet tagħhom qed jiġu abbużati. U meta jirrealizzaw li qed jiġu sfruttati, spiss ma jkunux jafu fejn ifittxu għall-għajnuna.

Hu fatt magħruf li barra minn dan kollu, bosta ħaddiema immigranti joqogħdu lura milli jirrappurtaw l-abbuż. Raġuni għal dan tista' tkun l-istat irregolari tagħhom ta' immigrazzjoni, għax jekk jirrappurtaw jiġbdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet, mhux biss fuq l-abbuż iżda tal-istat tagħhom ukoll. Madankollu, anki fejn l-immigranti huma impjegati regolarment, il-qagħda tagħhom f'Malta tiddependi totalment minn kemm kapaċi jżommu xogħolhom, għalhekk jafu li jekk jirrappurtaw mhux biss iwaqqfu l-abbuż, iżda anke l-possibbiltà li jibqgħu joqogħdu u jaħdmu f'Malta. Dan iħalli konsegwenzi serji fuqhom u fuq il-familji tagħhom, għax ifisser li mhux biss ma jkunux jistgħu jħallsu d-djun li ġarrbu biex jaslu s'hawn, iżda wkoll li l-familji li ħallew warajhom jitfgħuhom f'faqar

totali u għalhekk ma jkunux jistgħu jħallsu għal akkomodazzjoni deċenti, edukazzjoni, kura tas-saħħa u ħtiġijiet bażiċi oħra.

Din in-nuqqas ta' rieda biex jiirrappurtaw, li wieħed jifhem mill-ewwel, flimkien mal-fatt li s-sistemi li għandna tal-infurzar tal-liġijiet tax-xogħol għandhom nuqqas serju ta' riżorsi, ifisser li ħafna ksur tal-liġi tax-xogħol jitħalla għaddej. Li jżid ukoll ir-riskju li reati bħal traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament tax-xogħol ma jinqabdux.

Barra minn hekk, hi ħasra li l-impunità toħloq u tħeġġeġ diżrispett għal-liġi, l-aktar fost dawk li kellhom ftit skrupli meta bdew. Fil-prattika, bla dubju li iktar ma r-riskju li tiffaċċja konsegwenzi negattivi għall-ksur tal-liġi tax-xogħol ikun żgħir, iktar il-ħaddiema barranin isiru vulnerabbli għall-abbuż.

Fid-dawl tal-għażla politika tal-Gvern li jiffaċilita l-impjieg ta' ħaddiema immigranti sabiex jitkompla t-tkabbir ekonomiku, nemmnu li għandu jintuża metodu ta' reklutaġġ u tħaddim ta' ħaddiema immigranti li hu bbażat fuq il-persuna u li jitlob il-ħolqien ta' qafas legali u politiku aktar b'saħħtu, biex jipproteġi d-drittijiet tagħhom.

Dan għandu jinkludi tal-inqas: l-għoti ta' informazzjoni lill-ħaddiema immigranti dwar id-drittijiet tagħhom u s-servizzi disponibbli biex jgħinuhom f'lingwa li jifhmu; it-tisħiħ ta' strutturi eżistenti biex jinfurzaw il-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol u jidentifikaw ksur tal-liġi tax-xogħol; u tiżdied il-kapaċità tal-aġenziji li jipprovdu servizzi u appoġġ lill-ħaddiema li d-drittijiet tagħhom huma abbużati.

Huwa rrakkomandat ukoll li l-leġiżlazzjoni lokali tiġi emendata biex tinkludi l-protezzjoni effettiva ta' ħaddiema immigranti li jirrappurtaw l-abbuż. Tali protezzjoni għandha tinkludi mhux biss l-aċċess għal servizzi ta' għajnuna legali u servizzi ta' interpretazzjoni b'xejn biex tħallihom jiksbu rimedju permezz ta' proċeduri legali, iżda wkoll il-possibbiltà li jgħixu u jaħdmu f'Malta sakemm tali proċeduri jkunu pendenti.

L-uniku mod biex l-iżbilanċ enormi tal-poter bejn min iħaddem u l-ħaddiem immigrant, li jħeġġeġ u jipperpetwa l-abbuż, jitħassar tassew u l-ħaddiem immigrant jitħares verament, hu billi tingħata s-setgħa lill-ħaddiema biex jirrappurtaw l-abbuż kif ukoll jingħataw is-sostenn meħtieġ biex ifittxu rimedju.

Fl-aħħar nett, hu wkoll id-dmir tal-klijenti, li jirċievu servizzi minn nies u kumpaniji li jimpjegaw ħaddiema immigranti, li jiżguraw li s-servizzi li jħallsu mhumiex iwettqu xi tip ta' abbuż. Dawn ir-rekwiżiti jistgħu sempliċiment jitniżżlu fil-kuntratt mal-fornitur tas-servizz, bħala forma ta' dikjarazzjoni mill-istess fornitur.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

### 4.2 Il-liġijiet u l-politki tagħna dwar iċ-ċittadinanza

Qabel l-introduzzjoni tal-Programm tal-Investitur Individwali (IIP), Malta kienet waħda mill-iktar pajjiżi restrittivi fl-Ewropa dwar iċ-ċittadinanza. L-IIP biddel dan, iżda biss għall-għonja.

Hemm kuntrast qawwi meta tqabbel ir-regoli tal-IIP, li jiggarantixxu aċċess għaċ-ċittadinanza b'ċerta faċilità għall-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti finanzjarji, mar-regoli tal-aċċess għaċ-ċittadinanza tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Skont ir-regoli tal-politika attwali, l-applikazzjonijiet tar-refuġjati jitqiesu b'mod favorevoli biss wara 10 snin ta' residenza u, anke dakinhar, iridu juru li huma awtosuffiċjenti u jissodisfaw għadd ta' kundizzjonijiet oħra. L-applikazzjonijiet minn benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja x'aktarx qatt ma jiġu kkunsidrati, irrispettivament mit-tul taż-żjara tagħhom.

In-nies li jingħataw protezzjoni f'Malta huma dawk li ma jistgħux imorru lura lejn pajjiżhom. M'għandhomx għażla ħlief li joqogħdu hawn, għax jekk imorru lura jpoġġu lilhom infushom f'periklu serju, possibilment anke tortura u mewt. Ħafna ilhom jgħixu hawn għal żmien twil, u jqisu Malta bħala darhom. Saru parti mill-komunità tagħna, fil-fatt jekk mhux bil-liġi, dawn ikkontribwew għal pajjiżna b'ħafna modi differenti, mhux l-inqas permezz ta' xogħolhom u t-taxxi li ħallsu. Imma l-aċċess tagħhom għaċ-ċittadinanza xorta hu limitat ħafna.

Iċ-ċittadinanza hi importanti għax tħalli lin-nies isiru kompletament parti mill-komunità – li jimxu minn stat li min-natura tiegħu hu wieħed temporanju, u għalhekk prekarju għax jeħtieġ li jiġġedded ta' spiss, għal dak li hu permanenti u sigur. Jagħti ċans lin-nies ikabbru l-għeruq u jagħtihom stabbiltà biex jerġgħu jibnu ħajjithom.

Mingħajr l-aċċess għaċ-ċittadinanza, anke jekk jitħallew jgħixu hawn għal dejjem bħala benefiċjarji tal-protezzjoni, effettivament mhumiex jitħallew isiru tal-post tal-inqas fis-sens legali. Qed jiġu kkundannati li jibqgħu mistednin jew barranin għal għomorhom, imħollija joqogħdu f'darna imma jitħallew jaslu biss sal-intrata.

Il-Kummissjonijiet jemmnu li jekk aħna verament nemmnu fil-promozzjoni tal-integrazzjoni u tal-inklużjoni sħiħa tal-persuni li jibbenefikaw mill-protezzjoni, mela l-liġijiet u l-politki tagħna jeħtieġu li jiffaċilitaw l-aċċess għaċ-ċittadinanza.

Approċċ aktar iffukat fuq in-nies għall-għoti taċ-ċittadinanza jħares lil hinn minn sempliċi kontribuzzjoni finanzjarja. Iqis il-bżonnijiet tal-benefiċjarji tal-protezzjoni għall-istabbiltà u l-integrazzjoni, u jagħti valur lill-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-ekonomija u

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

l-komunità tagħna, anki jekk f'termini purament ekonomiċi ma jistgħux jitqabblu mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li l-għonja jagħmlu lill-Kaxxa ta' Malta.

### 4.3 Rijunifikazzjoni tal-familja

Il-Knisja ripetutament tafferma li l-familja hi organu essenzjali tas-soċjetà u li hi "l-isfond ewlieni għat-tkabbir ta' kull individwu, għaliex permezz tal-familja li l-bnedmin jinfetħu għall-ħajja u l-bżonn naturali għar-relazzjonijiet mal-oħrajn. Kulma jmur naraw li l-irbit familjari hu essenzjali għall-istabbiltà tar-relazzjonijiet fis-soċjetà, għall-ħidma tal-edukazzjoni u l-iżvilupp integru uman, għax huma ispirati mill-imħabba, solidarjetà responsabbli interġenerazzjonali u fiduċja reċiproka. Dawn huma l-fatturi li jistgħu jagħmlu sopportabbli anke l-iktar sitwazzjoni diffiċli."[7]

Iżda ħafna immigranti li jgħixu fostna huma mġiegħla jgħixu 'l bogħod minn familthom b'mod indefinit.

Skont il-liġi nazzjonali dawk li jiġu rikonoxxuti bħala refuġjati biss jistgħu jingħaqdu ma' familthom f'pajjiżna. Għalkemm fil-prattika l-proċedura hi twila u kkumplikata, huma intitolati li jġibu lill-familji tagħhom (konjugi u tfal taħt it-18-il sena) lejn Malta.

Benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja, jew ta' forom nazzjonali oħra ta' protezzjoni, mhumiex intitolati li jingħaqdu ma' familthom. Ir-rijunifikazzjoni f'Malta hi impossibbli anke jekk membri oħra minn familthom jingħataw protezzjoni fi stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

Id-dritt tal-ħaddiema immigranti għar-rijunifikazzjoni tal-familja jingħata biss sakemm jintlaħqu għadd ta' kriterji, fosthom id-dħul finanzjarju tagħhom.[8] Dan jimplika li ħaddiema li jirċievu l-paga minima jew ftit iktar ma jikkwalifikawx għar-rijunifikazzjoni tal-familja.

Partikolarment għal dawk l-immigranti li x'aktarx ikunu f'Malta b'mod indefinit, bħal benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja, l-impossibbiltà li jerġgħu jingħaqdu mal-familja tagħhom tikkawża ansjetà kbira. Din twassal għad-deterjorament tal-benessri mentali u psikoloġiku tagħhom.

---

[7] Papa Franġisku, Diskors lill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Magħquda (FAO), 20.06.2013
8 F'termini tal-politka nazzjonali l-applikanti jridu jkollhom minn talanqas dħul medju – jiġifieri mhux paga minima, li bħalissa hi madwar €17,000, flimkien ma' 20% addizzjonali għal kull membru tal-familja li jixtiequ jġibu.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Kif ġie enfasizzat aktar kmieni fit-taqsima dwar iċ-ċittadinanza, il-fatt li individwi ngħataw protezzjoni f'Malta hu rikonoxximent tal-fatt li ma jistgħux jerġgħu lura d-dar, minħabba li l-ħajja jew il-libertà tagħhom tkun f'riskju kieku kellhom jagħmlu hekk.

Għal benefiċjarji ta' protezzjoni biex ikunu jistgħu jintegraw u jibnu ħajjithom mill-ġdid f'Malta hu essenzjali li jitħallew jerġgħu jingħaqdu mal-familja tagħhom. Hu umanament impossibbli għal dawn in-nies biex jimmaġinaw futur f'Malta, u ħafna inqas biex jerġgħu jibnu ħajjithom hawn, meta l-familji tagħhom qegħdin mili 'l bogħod, xi kultant anke f'riskju ta' periklu.

Għalkemm id-distinzjoni bejn refuġjati u benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja hi definita bil-liġi, nemmnu li hu kemxejn simplistiku li l-aċċess għal dritt fundamentali bħar-rijunifikazzjoni tal-familja, jiġi miċħud purament fuq il-bażi ta' din id-distinzjoni.

It-tip ta' stat legali li wieħed jingħata hu essenzjalment determinat mit-tip ta' periklu li wieħed qed ifittex protezzjoni minnu. Madankollu hu ċar li ż-żewġ forom ta' protezzjoni jingħataw biss lil persuni li jaħarbu minn forom estremi ta' periklu li jheddu l-ħajja, il-libertà u s-sigurtà personali. Ir-refuġjati huma dawk li, jekk jiġu ritornati, ikunu f'riskju ta' persekuzzjoni minħabba min huma jew fiex jemmnu. Benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja huma dawk li, jekk irritornati, ikunu fil-periklu li jitilfu ħajjithom minħabba gwerra jew tortura jew jingħataw trattament krudili, inuman u degradanti. L-istat legali, ladarba jingħata, jiddetermina x'tip ta' drittijiet għandha l-persuna, inkluż ir-rijunifikazzjoni tal-familja.

Madankollu, għan-nies li ngħataw protezzjoni sussidjarja, iċ-ċans li jirritornaw lura lejn pajjiżhom matul ħajjithom hu improbabbli daqs tar-refuġjati. F'ħafna każijiet is-sitwazzjonijiet li wassluhom biex jaħarbu minn pajjiżhom ilhom għaddejjin għal ġenerazzjonijiet sħaħ u x'aktarx mhux se jissolvew fil-futur qarib.

Barra minn hekk, nemmnu li hemm tħassib serju dwar id-drittijiet tal-bniedem, meta neskluduhom kompletament minn kull possibbiltà li jingħaqdu ma' familthom.

Fil-fehma tagħna, approċċ ibbażat fuq in-nies jitlobna nirrikonoxxu l-bżonn tal-immigranti li jinsabu f'Malta għal żmien twil, partikolarment jekk huma benefiċjarji ta' protezzjoni, biex jerġgħu jingħaqdu mal-familja tagħhom jekk irridu nagħtuhom iċ-ċans jibnu ħajjithom f'Malta. Dan jimplika li l-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja għandhom jingħataw id-dritt għar-rijunifikazzjoni tal-familja, possibilment taħt ċerti kundizzjonijiet, sakemm dawn ikunu raġonevoli u ma jservux bħala ostaklu għar-rijunifikazzjoni tal-familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Nirrakkomandaw ukoll li d-definizzjoni ta' membri dipendenti tal-familja ta' refuġjati titwessa' biex tinkludi anke tfal mhux miżżewġin li għandhom iktar minn 18-il sena li għadhom jgħixu fl-unità tal-familja.

### 4.4 Ir-regolarizzazzjoni ta' immigranti li ma jistgħux imorru lura

Bħal fi kważi kull pajjiż ieħor fl-Ewropa, għandna fostna numru ta' immigranti li, għalkemm ma ngħatawx id-dritt legali li jibqgħu, baqgħu f'Malta għax ma setgħux jintbagħtu lura lejn pajjiżhom, bla ma huma ħatja tas-sitwazzjoni.

Dawn l-immigranti, li ħafna drabi jissejħu 'immigranti li ma jistgħux imorru lura', għexu f'Malta għal bosta snin u x'aktarx jibqgħu hawn b'mod indefinit. Il-preżenza tagħhom hi magħrufa mal-awtoritajiet li jagħtuhom permess temporanju biex jibqgħu, xi drabi msejħa 'żjara tollerata', allegatament sakemm jistgħu jintbagħtu lura d-dar. Ħafna minnhom jaħdmu regolarment u jħallsu t-taxxi u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, iżda mhumiex intitolati għal benefiċċji.

F'xi każijiet jistgħu jirregolarizzaw l-istat tagħhom billi japplikaw għal dak magħruf bħala THPN (Protezzjoni Umanitarja Temporanja - Ġdida), madankollu l-kriterji għall-kwalifikazzjoni huma ffokati kważi esklussivament fuq prova legali ta' impjieg f'Malta.

Filwaqt li nemmnu li l-possibbiltà li jinkiseb stat legali, minnha nnifisha hi pożittiva, l-arranġament attwali għandu għadd ta' nuqqasijiet.

L-ewwel nett, dan mhux regolat mil-liġi, li inevitabbilment iwassal għal nuqqas ta' ċarezza dwar  x'inhuma l-kriterji biex jinkiseb id-dritt kif ukoll il-proċedura ta' applikazzjoni. L-istat jista' jiġi rtirat skont ir-rieda u m'hemmx il-possibbiltà ta' appell jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda jew tittieħed deċiżjoni biex l-istat jiġi rtirat jew imġedded. L-assenza totali ta' ċertezza legali u n-natura diskrezzjonali ta' dan l-istat joħolqu sens ta' prekarjetà u nuqqas ta' sigurtà.

It-tieni nett, il-fatt li l-kriterji ta' eliġibbiltà jiffokaw fuq prova ta' impjieg u awtosuffiċjenza, inevitabbilment ifisser li dawk li ma jistgħux jiżguraw impjieg stabbli u legali – anke jekk minħabba li huma morda jew qed jieħdu ħsieb ta' membri tal-familja li huma morda jew tfal żgħar – huma mċaħħda mill-possibbiltà li jirregolarizzaw l-istat tagħhom. Fil-prattika, dan ifisser li se jiffaċċjaw diffikultajiet ikbar li jsibu impjieg stabbli u jista' jiġi affettwat l-aċċess tagħhom għal ċerti servizzi bażiċi bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni.

Kif qal il-Papa Frangisku fil-messaġġ tiegħu f'Jum il-Migranti lill-gvernijiet 2018, biex joffru "il-possibbiltà ta' leġislazzjoni speċjali għall-immigranti li għamlu perjodu twil ta'

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

residenza fil-pajjiż”[9] (*country of arrival*) sabiex jippermettulhom li jgħixu b'dinjità u jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom, nappoġġjaw is-sejħa għall-ħolqien ta' mod legali li jirregolarizza lill-immigranti li jgħixu Malta u ma jistgħux imorru lura.

**5. Promozzjoni ta' ġustizzja soċjali: dmir ta' Nisrani**

Illum numru ta' nies f'Malta, simili għal pajjiżi sinjuri oħra, jaraw lill-immigranti bħala theddida għall-kultura u l-għeruq Kristjana tagħna, mingħajr ma niftakru li azzjonijiet li jmorru kontra l-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali huma fil-fatt theddida għall-valuri Nsara tagħna, u konsegwentement għall-kultura tagħna.

“L-Insara għandhom rwol importanti billi jkunu eżempju ta' djalogu ma' persuni u istituzzjonijiet li qed jgħinu fl-integrazzjoni ta' nies barranin u refuġjati fis-soċjetà tagħna.”[10] Bħala Nsara aħna msejħa biex “nibnu soċjetajiet ġusti u inklussivi, kapaċi jirrestawraw id-dinjità ta' dawk li jgħixu fl-inċertezza u li ma jistgħux joħolmu f'dinja aħjar.”[11]

Hekk kif qed niċċelebraw żmien ir-Randan u mistednin nsumu, l-Iskrittura tfakkarna:

“Jaqaw mhux dan is-sawm li jiena rrid,
jiġifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen,
u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad
li tibgħat ħielsa l-maħqurin,
u tkisser kull madmad?
Mhux li taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ,
u ddaħħal f'darek lill-imsejken bla saqaf?
Mhux li tlibbes lil min tara għarwien,
u n-nies ta' darek ma tinsihomx?” (Is 58:6-7)

Din l-istedina hi ripetuta matul l-Evanġelji kollha.[12] Tabilħaqq, hu essenzjali li niftakru li d-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja soċjali u l-ugwaljanza huma parti integrali mill-identità Nisranija, aktar mill-ispettakli ta' reliġjożità li nonfqu tant flus fuqhom kull sena biex niċċelebrawha. Bħala Nsara mistennija li nippromwovu l-valuri tal-ġustizzja soċjali fil-komunitajiet tagħna.

Filwaqt li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet tagħna f'dan id-dokument huma indirizzati lill-Gvern bħala l-entità li għandha s-setgħa li tagħmel il-bidliet leġiżlattivi meħtieġa, nixtiequ ntennu

---

9 Papa Franġisku, Messaġġ għall-Jum Dinji tal-Migranti r-Refuġjati 2018, 15.08.2017
10 *Diakonia and Justice*, Dokument Sinodali tad-Djoċesi Maltija, 2003, par. 21
11 Papa Franġisku, Messaġġ lill-Forum Ekonomiku Dinji f'Davos-Klosters, 23.01.2018
12 Mt 25:31-46

wkoll li "l-akkoljenza tal-fqir u l-promozzjoni tal-ġustizzja ma jkunux biss f'idejn "speċjalisti", imma jkunu għall-attenzjoni tal-pastorali kollha, tal-formazzjoni tas-saċerdoti u r-reliġjużi tal-futur, tal-impenn normali tal-parroċċi kollha, tal-movimenti u l-għaqdiet ekkleżjali."[13]

Hemm ħafna modi kif nistgħu naħdmu biex nippromwovu l-ġustizzja lejn l-immigranti u r-refuġjati fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Li ġej huma biss ftit eżempji:

### 5.1. Insiru iktar konxji tal-bżonnijiet tal-oħrajn

Il-Papa Franġisku tenna kemm-il darba li "bħala Nsara aħna msejħa ... biex inxejnu dik il-globalizzazzjoni tal-indifferrenza li tirrenja b'mod assolut fi żmienna, filwaqt li nibnu ċivilizzazzjoni ġdida ta' mħabba u solidarjetà."[14]

Nistgħu nagħmlu dan billi l-ewwel nett neżaminaw l-għażliet tal-istil ta' ħajja tagħna u billi nsiru iktar sensittivi għall-ħtiġijiet tal-oħrajn. Fl-indirizz tiegħu lill-Parlament Ewropew fi Stassburgu, il-Papa Franġisku ġibed l-attenzjoni lejn "ċerti stili ta' ħajja xi ftit egoisti, ikkaratterizzati minn lussu li m'għadux aktar sostenibbli"[15] u rrimarka li l-bniedem hu "spiss indifferenti għad-dinja ta' madwaru, fuq kollox quddiem dawk l-iktar foqra. B'dispjaċir ninnutaw li fil-qalba tad-dibattitu iktar qed jingħataw importanza l-kwistjonijiet tekniċi u ekonomiċi, b'dannu għall-orjentament antropoloġiku awtentiku.[5] Il-bniedem qed jirriskja li jispiċċa sempliċi ingaġġ ta' mekkaniżmu li jittrattah fuq l-istess livell ta' prodott tal-konsum biex jiġi użat, hekk li – u dan b'xorti ħażina ninnutawh spiss – meta l-ħajja ma tibqax funzjonali għal dan il-mekkaniżmu, tintrema mingħajr inkwiet ta' xejn."[16]

Ejjew nirrifjuttaw stili ta' ħajja egoisti u niftakru fil-bażi tad-dinjità tal-bniedem – l-umanità tagħna, li fiha kollha aħna ugwali.

### 5.2. Nilqgħu lill-barrani: Noħolqu kultura ta' laqgħat

Il-kmand biex nilqgħu lill-barrani hu mtenni kemm-il darba fil-Bibbja u bħala Nsara nemmnu li meta nilqgħu lill-barrani nkunu qed nilqgħu lil Kristu nnifsu (Mt 25).

---

13 Papa Franġisku, Żjara fiċ-Ċentru Astalli f'Ruma, 10.09.2013
14 Papa Franġisku, Diskors waqt il-Vjaġġ Appostoliku fit-Turkija, 30.11.2014
15 Papa Franġisku, Diskors lill-Parlament Ewropew fi Strassburgu, 25.11.2014
16 Papa Franġisku, ibid.

Nilqgħuh fis-sens li 'mhix biċċa xogħol , imma stil ta' ħajja u ta' kondiviżjoni."[17] Mod li jeħtieġ li nħarsu lejn persuna, bħalna.

Biex jinkiseb dan, "hi meħtieġa bidla fl-atteġġjament lejn l-immigranti u r-refuġjati minn kulħadd, bidla minn atteġġjament ta' difiża u ta' biża', bidla minn attitudni diżinteressata u li temarġina – li fl-aħħar mill-aħħar, tikkorrispondi verament għall-'kultura tal-iskart' – għal atteġġjament li jħaddan u jibbaża fuq il-'kultura tal-inkontru', l-uniku atteġġjament li jista' jwassal għat-twaqqif ta' dinja aktar ġusta u fraterna, dinja aħjar."[18]

Filwaqt li forsi hu minnu li m'għandniex is-setgħa li nbiddlu l-liġi u l-politka, kollha nistgħu nikkommettu lilna nfusna li nilqgħu fostna immigranti u refuġjati u li niftħulhom qalbna u l-komunitajiet u l-parroċċi tagħna.

Dan isir permezz ta' "ġesti konkreti ta' solidarjetà sabiex kull min jinsab 'il bogħod minn pajjiżu, iħoss il-Knisja bħalha l-art fejn ħadd ma jħossu stranġier."[19] Fil-prattika "merħba bħal din tinvolvi smigħ attent u qsim reċiproku ta' stejjer tal-ħajja. Teħtieġ qlub miftuħa u rieda li wieħed jaqsam ħajtu mal-oħrajn, u qsim ġeneruż tal-ħin u r-riżorsi. Minn għotja ta' affarijiet għall-ħbiberija, u fl-aħħar, l-għotja ta' Kristu, it-teżor tagħna, lill-oħrajn, bħalha proposta milll-iktar umli u rispettuża."[20]

### 5.3. Inżommu d-dinjità tal-bniedem

L-immigranti u r-refuġjati mhux biss qed jitolbu għall-karità u għall-mogħdrija tagħna, qed jitolbu għall-ġustizzja. Il-Papa Franġisku sostna li "ma nistgħux nibqgħu indifferenti quddiem l-ilħna ta' dawn ħutna. Huma mhux biss qed jitolbuna nagħtuhom l-għajnuna materjali tagħna, meħtieġa f'tant ċirkustanzi, imma fuq kollox li ngħinuhom iħarsu d-dinjità tagħhom ta' persuni umani."[21]

Aħna mitluba li nżommu d-dinjità tal-immigranti u r-refuġjati għax nemmnu li, bħalna, huma magħmulin fix-xbieha ta' Alla.

Inżommu d-dinjità tal-immigranti u r-refuġjati billi niżguraw li l-mod kif nittrattawhom hu kkaratterizzat b'rispett u ġustizzja – pereżempju m'għandniex inħallsu lill-immigranti inqas milli nħallsu lill-Maltin għall-istess xogħol.

---

[17] Kunsill Pontifikali għall-Kura Pastorali tal-Migranti u n-Nies Itineranti u l-Kunsill Pontifikali Cor Unum, *Welcoming Christ in Refugees and Forcibly Displaced Persons - Pastoral Guidelines*, Vatican City, 2013, par. 82
[18] Papa Franġisku, Message for the World Day of Migrants and Refugees 2014, 05.08.2013
[19] Papa Benedittu XVI, Anġelus, 19.06.2005
[20] Kunsill Pontifikali għall-Kura Pastorali tal-Migranti u n-Nies Itineranti u l-Kunsill Pontifikali Cor Unum, *op.cit. par. 83*
[21] Papa Franġisku, Diskors waqt il-Vjaġġ Appostoliku fit-Turkija, 30.11.2014

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

Nagħmlu dan ukoll billi niddefendu d-dinjità tal-immigranti u r-refuġjati: billi nieqfu għall-intolleranza u l-preġudizzju; nikkontestaw kunċetti żbaljati u sterjotipi; nirrifjutaw li naċċettaw diskors u mġiba li huma razzisti jew mimlija stmerrija għall-barranin; u fuq kollox nirrikonoxxu lil kull immigrant u refuġjat bħala persuna li għandha drittijiet, bħalna.

Waqt li nrrikonoxxu li r-refuġjati u l-immigranti huma intitolati li jiġu ttrattati b'dinjità, għandhom iwassluna biex naraw li l-assistenza u l-appoġġ nagħtuhom mhux bħala "karità mill-qdusija ta' qalbna, iżda att ta' ġustizzja dovut lilhom."[22]

### 5.4. Ħidma għall-assigurazzjoni ta' ugwaljanza vera

L-ugwaljanza u l-ekwità huma essenzjali jekk id-dinjità umana ta' kull bniedem trid tiġi rrispettata. Kultant nistgħu nibżgħu li jekk nirrikonoxxu li l-oħrajn huma ugwali daqsna u li għandhom l-istess drittijiet bħalna, jistgħu b'xi mod jheddu l-qagħda tagħna stess jew l-aċċess tagħna għad-drittijiet.

Madankollu, l-ugwaljanza mhix logħba fejn il-kisba ta' wieħed hi t-telf tal-ieħor. L-ugwaljanza fil-fatt hi l-oppost. Meta nħallu l-oħrajn ikollhom l-ugwaljanza li jixirqilhom fis-soċjetà tagħna, insaħħu d-drittijiet tagħna, mhux innaqqsuhom.

Ejjew nirrikonoxxu li wħud jitwieldu bi privileġġi fuq ħaddieħor permezz taċ-ċirkostanzi tal-ħajja, u mhix sempliċiment kwistjoni li tgħin lilek innifsek biex ittejjeb is-sitwazzjoni tiegħek. Għal ħafna, dan sempliċement mhux possibbli, mhux għax ma jridux, imma għax is-sitwazzjoni tagħhom ma tippermettix mod ieħor. F'dinja fejn dawk li għandhom il-flus u l-poter qed iżommu monopolju tar-riżorsi tad-dinja, li niżguraw l-ugwaljanza hi ta' importanza kbira u dan jista' jiġri biss permezz ta' azzjoni pożittiva maħsuba biex tirrimedja l-inugwaljanzi li jirriżultaw minn inġustizzja strutturali.

Filwaqt li hu minnu li mhux possibbli għalina lkoll biex nindirizzaw direttament il-kawżi strutturali tal-faqar u l-inugwaljanza, ilkoll nistgħu nagħmlu l-parti tagħna biex nitolbu lil dawk li għandhom is-setgħa biex jagħmlu l-bidliet meħtieġa biex iwettquhom.

## 6. Hu se jġib ġustizzja lill-ġnus

Quddiem l-inugwaljanzi li dejjem qed jiżdiedu fis-soċjetà tagħna, imrawma minn kultura misjuqa mill-profitti, hu faċli li wieħed jaqta' qalbu f'din il-battalja għall-bidla. F'dinja li fil-biċċa

---

[22] Papa Ġwanni Pawlu II, Diskors lill-parteċipanti tal-Assemblea tal-Kummissjoni Kattolika Internazzjonali għal Migrazzjoni (ICMC)

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

l-kbira tal-ħin tidher mifnija bl-oppressjoni u l-inġustizzja soċjali, hu diffiċli li wieħed jemmen li l-azzjoni ta' individwu wieħed tista' ddawwar is-sitwazzjoni u twassal għall-bidla meħtieġa. Madankollu, bħal fid-dokument preċedenti *Imsejħa naħdmu għall-Ġustizzja u l-Paċi* maħruġ mill-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, nixtiequ nikkonkludu dan id-dokument fuq nota ta' tama. Din it-tama mhix xewqa vojta jew il-ħolma ta' ottimist, iżda hi t-tama ta' Kristu Rxoxt, li aħna nafu "li jġib il-ġustizzja lill-ġnus" (Is 42:1).

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju,
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 01,
Il-Furjana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**